**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 268/11 AL

**A B**

**vs**

**C D u Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2012 gew kjamati fil-kawza il-minuri P D u K D u b'digriet tas-7 ta' April 2016 Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Joeline Pace Ciscaldi gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri P D u K D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u l-intimat C D izzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u prezentament huma jinsabu legalment separati permezz ta' kuntratt ta'

separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Rueben Debono datat erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009);

2. Illi ghalkemm il-partijiet isseparaw legalment nhar l-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) huma kien ilhom zmien separati de facto tant li l-esponenti kellha relazzjoni ma ragel iehor mill-liema relazzjoni hija kellha zewgt itfal li jisimhom P li twieled nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006), kif ukoll Kaydon li twieled nhar il-hdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) liema certifikati tat-twelid huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. NF1 u Dok NF2 rispettivament;
3. Illi kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi l-intimat C D gie imnizzel bhala missier l-minuri P u Kaydon;
4. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-minuri P u Kaydon ma humiex it-tfal naturali tal-intimat;

Talbet ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-imsemmija minuri P u Kaydon D ma humiex it-tfal naturali tal-intimat C D kif hemm indikat fl-att ta' twelid tal-imsemmija minuri P D bin-numru 2295/2006 u tal-minuri Kaydon D bin-numru 3267/2009;
2. Tiddikjara illi ghal dak li jirrigwardja l-paternita' tal-minuri P u Kaydon ahwa D m'ghandhomx stat konformi mal-att ta' twelid tal-minuri P D bin-numru 2295/2006 u tal-minuri Kaydon D bin-numru 3267/2009;
3. Tordna ghalhekk lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel u jirregistra il-korrezzjonijiet opportuni fl-atti ta' twelid tal-minuri P D bin-numru 2295/2006 u tal-minuri Kaydon D bin-numru 3267/2009 u dan billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier il-minuri, jithassar l-isem tal-intimat ta' C D u d-dettalji kollha dwaru, u cioe l-eta', post ta' twelid u l-post ta' residenza, isem u kunjom il-missier C D u jekk l-istess missier l-intimat C D jekk hux haj jew mejjet u jissostitwihom bil-kliem missier mhux maghruf fil-kolonna rigwardanti d-dettalji tal-

missier fl-att tat-twelid tal-minuri P D li jgib in-numru 2295/2006 u l-att tat-twelid tal-minuri Kaydon D li jgib in-numru 3267/2009;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 15)

1. Illi in vena preliminari huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li l-minuri P u Kaydon jiġu msejjħa fil-kawża ġaladarba qed jintalab biex isiru tiswijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom;

2. Illi in vena preliminari wkoll jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri P u Kaydon, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri P u Kaydon, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri P u Kaydon, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilha illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha C D u dan tul il-perijodu li jispeċifika **l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi, fl-istess waqt, ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri P u Kaydon ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom li jġib in-numru ta' skrizzjoni 2295 tas-sena 2006 u 3267 tas-sena 2009 rispettivament;

6. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati t-tieni u t-tielet eċċezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri P u Kaydon, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitilfu l-istat ta' ulied imwieldin u mnisslin fiż-żwieġ talanqas għandhom ikunu jafu min huwa l-missier naturali tagħhom;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C Zien Eddin, senjatement taħt il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm u ta' min għamel id-dikjarazzjoni, għandhom jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2295 tas-sena 2006 u 3267 tas-sena 2009;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Joeline Pace Ciscaldi, li *in forza* taghha huma eccepew: (fol 74)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat il-lista tax-xhied tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Joeline Pace Ciscaldi;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-konvenut C D, minkejja li debitament notifikat, ma ppreżenta l-ebda risposta u għalhekk ġie dikjarat kontumaċi.

Rat l-affidavit[1] tal-**attriċi**, fejn hija spjegat illi kienet iżżewġet lill-konvenut C D fis-7 t'Ottubru 2002, iżda qatt m'għexet miegħu bħala koppja miżżewġa. Ftit wara, bdiet relazzjoni oħra mil-liema relazzjoni twieldu il-minuri P u Kaydon. P li twieldet fit-12 ta' Lulju 2006 u Kaydon illi twieled fil-11 t'Awwissu 2009. Minkejja li kienet isseparat minn mal-konvenut D, meta twieled Kaydon, dana xorta waħda jidher fid-dokumenti li huwa missier il-minuri.

[1] Fol. 27 tal-proċess

Dwar il-konvenut, hija tinsisti li dan qatt ma kien preżenti f'ħajjitha jew f'ħajjet il-minuri u tikkonferma li l-minuri m'humiex uliedu għax hija qatt ma kellha relazzjonijiet miegħu, fi kliemha "biex ikolli t-tfal".

Dwar il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri, hija tgħid li "ma tixtieqx[2] issemmih" f'dawn il-proċeduri. Tgħid pero` li hija daħlet f'relazzjoni ma' missier it-tfal tagħha ftit wara ż-żwieġ tagħha mal-konvenut fl-2002, mil-liema kliem il-Qorti qiegħda tifhem li r-relazzjoni tal-attriċi mal-missier naturali tat-tfal kienet jew għadha waħda stabbli, u li ż-żewġ minuri huma ulied l-istess missier.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u ppreżentat fl-20 ta' Marzu 2012[3]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li Robert Cardona għaddielha l-kampjuni orali ta' A B (ID 184983M), ta' P D, Kaydon D u ta' C D (ID 27906A) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi C D (ID 27906A) mhux il-missier naturali ta' P D u ta' Kaydon D.

Semgħet ix-xiehda[4] tal-attriċi, fejn dina biddlet il-verzjoni li kienet tat preċedentement permezz tal-affidavit, u lill-Qorti weġbitha biss billi qalet li ma tafx min hu missier il-minuri.

Rat illi f'diversi seduti[5] miżmuma quddiem din il-Qorti, l-attriċi, ossia d-difensuri tagħha, iddikjaraw illi sejrin iressqu r-rikors appożitu sabiex jirregolarizzaw l-azzjoni odjerna, in vista ta' dak sollevat mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-tieni eċċezzjoni tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-7 t'April 2016[6], fejn il-Qorti laqgħet it-talba għan-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri P

---

[2] Sottolinear tal -Qorti

[3] Fol. 28 et seq.

[4] Udjenza tat-23 ta 'Marzu 2012, fol. 36 et seq.

[5] 23 ta' Marzu 2012 (fol.34), 5 ta' Novembru 2012 (fol. 39), 5 ta' Novembru 2013 (fol. 43), 20 ta' Frar 2014 (fol. 44),

[6] Fol. 68 tal-proċess.

u Kaydon, wara li dawna kienu ġew kjamati in kawża b'digriet tat-23 ta' Marzu 2012, u ħatret lil Dr. Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala Kuraturi Deputati.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-**omm** għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut versu l-minuri P u Kaydon D. L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnisslu u/jew twieldu matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, dawn m'humiex il-wild naturali u bijoloġiċi tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, l-istess minuri ġew imniżżla bħala wliedu. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C D mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tagħhom u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf".

Il-Qorti, fl-ewwel lok, tirrileva illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata bid-digriet tagħha tas-7 t'April 2016, appena ċitat.

Tirrileva wkoll, illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'hijiex sorvolata.

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-**<u>omm</u>** ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-ulied ġew imnissla fiż-żwieġ, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili[7]. Illi kif ġustament eċċepixxa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, a tenur tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Difatti l-Artikolu 77Ċ jistipula

*"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma*

[7] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

*jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel”.*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista’, wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f’kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta’ paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B.”*

Il-Qorti tirrileva, illi fin-nuqqas li l-kawża tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tista’ tinkiseb sabiex xorta waħda issir azzjoni ta’ filjazzjoni a tenur tal-Artikolu 77A u 77B  sabiex raġel ikun dikjarat il-missier naturali tal-minuri.

Biss din l-awtorizzazzjoni ma tistax ugwalment tinkiseb għall-azzjonijiet ta’ denegata` paternita a tenur tal-Artikolu 77. Fit-tieni paragrafu tal-artikolu 77Ċ appena ċċitat, l-artikolu 77 m’huwiex imniżżel, sija fit-test Malti u wkoll fit-test Ingliż. Huma mniżżlin biss l-Artikoli 77A u 77B. Dana m’huwiex żball jew koinċidenza, għaliex sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ.

Għaldaqstant, anke jekk fil-każ odjern l-awtorizzazzjoni ma ġietx mitluba, lanqas setgħet tingħata, u l-azzjoni, ġjaladarba hija mressqa mill-omm, kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-ulied. Dana ma seħħx fil-każ odjern, għaliex il-kawża ġiet intavolta wara għeluq is-sentejn tal-minuri Kaydon u għeluq il-ħames snin tal-minuri P.

<u>Fil-mertu</u>, jirriżulta mit-testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri m’humiex ulied il-konvenut D, u għalhekk iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom m’huwiex korrett.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-istess ċertifikat tat-twelid mhuwiex lanqas ser ikun korrett kemm-il darba l-Qorti tilqa’ t-talba tal-attriċi sabiex il-

minuri jiġu dikjarati bħala ulied "missier mhux magħruf". Dan għaliex l-attriċi taf tajjeb min hu l-missier bijoloġiku tal-minuri, għaliex miegħu kellha relazzjoni stabbli, iżda għar-raġunijiet li tafhom hija biss, ma tixtieqx tiżvela l-identita` tiegħu lill-Qorti.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' t-tieni u s-sitt eċċezzjoni sollevati mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi A B.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur